**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Novembru, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 816/2018 AF**

**Meniar Sagar Khazaey Gharz Eddin**

**vs**

**Ralf Waller u Katya Lucie Martha Waller**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Meniar Sagar Khazaey Gharz Eddin, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Nhar l-ewwel ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (01.05.2013) giet nieqsa Rosemarie Waller neé Runhard, persuna ta' nazzjonalità Germaniza u dan kif jirrizulta mic-certifikat ta' eredità hawn anness u mmarkat Dokument MG 1.

Is-successjoni ta' Rosemarie Waller neé Runhard hija regolata permezz ta' testament datat wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (21.12.2010) fl-atti tan-Nutar Robert

Micallef u dan kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji hawn annessi u mmarkati Dokument MG 2.

Skond l-artikolu tlieta (3) tal-istess testament tal-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (21.12.2010), hawn anness u mmarkat Dokument MG 3, id-defunta Rosemarie Waller halliet b'titolu ta' legat lir-rikorrenti Meniar Sagar Khazaey Gharz Eddin, il-fond appartament internament immarkat numru sitta (6), sitwat fit-tieni livell, formanti parti minn blokka appartamenti minghajr numru ufficcjali, però mhux ufficjalment imsemmi "Seabreeze Court", fi Triq it-Turisti, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, Malta.

Skond l-artikolu erbgha (4) tal-istess testament tal-wiehedu ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (21.12.2010) tat-testatrici Rosemarie Waller, il-konvenuti Ralf u Katja ahwa Waller gew nominati u istitwiti eredi universali f'ishma indaqs bejniethom u bid-dritt tas-sostituzzjoni vulgari favur l-ulied rispettivi taghhom *ad infinitum* u fin-nuqqas bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom.

L-attur talab lill-konvenuti Ralf Waller u Katya Lucie Martha Waller, bhala l-eredi universali ta' Rosemarie Waller sabiex jimmittuh fil-pussess ta' dan il-legat imholli lilu permezz tat-testment datat wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (21.12.2010), izda l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Dawn il-fatt jaf bihom ir-rikorrenti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jimmittu lill-attur fil-pussess tal-legal imholli lilu mit-testatrici Rosemarie Waller bit-testment taghha tal-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (21.12.2010) konsistenti fil-fond appartament internament immarkat numru sitta (6), sitwat fit-tieni livell, formanti parti minn blokka appartamenti minghajr numru ufficcjali, però mhux

ufficcjalment imsemmi "Seabreeze Court", fi Triq it-Turisti, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, Malta.

2. Tahtar ghalhekk nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att pubbliku relattiv, kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att pubbliku u tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att pubbliku.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti illi huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li saret lilhom id-debita notifika skond il-ligi, Ralf Waller u Katja Lucie Martha Waller baqghu ma wiegbux ghall-kawza.

Semghet xhieda viva voce.

Rat li, minkejja li nghataw il-fakoltà li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, l-intimati baqghu ma ressqu ebda sottomissjoni finali.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tordna lill-intimati eredi jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-immissjoni fil-pussess ta' legat lilhom imholli minn omm l-istess eredi.

L-istess eredi ma wiegbux ghall-kawza. Doveruz ghall-Qorti f'din ic-cirkostanza tenfasizza l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati illi l-kontumacja ta' parti f'kawza ma titqies qatt bhala ammissjoni tat-talba u jibqa' jinkombi fuq l-istess attur li jgib provi konvincenti li jwasslu lill-Qorti tqis gustifikata t-talba tieghu.

Huwa mghallem illi:

> *"Il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju d-dritt li jircevi l-haga mhollija lilu b' legat; izda ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi mal-mewt tad-decujus favur il-legatarju, u anke ad insaputa tieghu, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi per modum continuationis, u ghalhekk jehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pusess tal-legat. L-Art.726 espressament jiddisponi li "Il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess al-haga imhollija legat." Fil-gurisprudenza l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni fil-pussess hija enfatika u pacifika [App.Civ.***Maurice Busuttil vs Joseph Meli***]*[1]
>
> *Inoltre gie osservat "Zgur li l-ligi riedet illi l-legatarju, anke jekk isir effettivament proprjetarju tal-legat fil-mument tal-mewt tat-testatur, **ma ghandux id-disponibilita' shiha** ta' l-oggett lilu legat sakemm ma jigix immess fil-pussess tieghu mill-werrieta li minn naha taghhom sa dak il-mument ma jistghux jiddisponu minnu proprju ghaliex ikun thalla lil haddiehor. Hu propriju ghalhekk li l-legatarju ma jistax jezercita l-azzjoni rivendikatorja kontra terzi pussessuri tal-fond li jifforma l-oggett legat qabel ma jkun gie immess fil-pussess tieghu [ Vol.XXIX.I.675]*[2]
>
> *Il-legat ma jigix trasferit ipso jure; u l-legatarju ma jistax jezercita ebda azzjoni kontra t-terzi fuq l-oggett tal-legat qabel ma jkun sar il-pussessur tal-legat [PA* ***Antonia Grech vs Carmelo Farrugia****]*[3]
>
> *Dan l-obbligu tal-immissjoni tal-legatarju fil-pussess tal-oggett legat jezisti wkoll fil-konfront ta' legatarju li jkun wkoll koeredi. Hekk fil-kawza* ***Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer***[4] *din l-Qorti osservat li meta l-legatarju jkun wiehed mill-istess werrieta, il-formalità tat-talba ghall-*

---

[1] [1998] Vol.LXXXII.II.674

[2] Ibid. Vide wkoll – App. Civ. Francesco Vassallo La Rosa vs Oreste Vassallo La Rosa [1936] Vol. XXIXC.I.675

[3] Vol.44D.II.655

[4] PA[WH] [1946] Vol.XXXIIC.II.264 – emfasi ta' din il-Qorti

*immissjoni fil-pussess hija* ***dejjem mehtiega*** *ghall-porzjonijiet li l-legatarju ghandu jiehu minghand il-koeredi."* - Buhagiar John et vs Registratur tal-Qorti et (4 ta' Gunju 2004)

Ir-rikorrenti f'din il-kawza ssodisfaw dan l-oneru sal-grad rikjest mill-ligi bil-provi li ressqu, kemm xhieda viva voce kif ukoll provi dokumentarji.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jimmittu lill-attur fil-pussess tal-legat imholli lilu mit-testatrici Rosemarie Waller bit-testment taghha tal-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (21.12.2010) konsistenti fil-fond appartament internament immarkat numru sitta (6), sitwat fit-tieni livell, formanti parti minn blokka appartamenti minghajr numru ufficcjali, però mhux ufficcjalment imsemmi "Seabreeze Court", fi Triq it-Turisti, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, Malta.

Tahtar lin-Nutar David Joseph Borg biex jippubblika l-att relattiv nhar il-Hamis 5 ta' Dicembru 2019 fil-11:00 ta' filghodu fil-bini tal-Qorti, Valletta. Il-Qorti tahtar lil Dr. Josette Grech biex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG